# IL HABIB


Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)
Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, il 5 TA NOVEMBRU, 1912. NRŬ. 39.


*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*
*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
P. ARCISKOF U ISKOF.

## X'CONNA NIBAGĦTU BARRA MINN MALTA DARI U X'NIBAGĦTU ILLUM.

Chif tbiddlet Malta minn ħamsin sena 'l haŭn. Fejn hu il cummerċ ta dari? Fejn huma il bastimenti ta Malta? Fejn hu ix-xogħol ta uara-l'Isla? Fejn huma il vapuri li chienu jimleŭ u jsebbħu il port tagħna? X'sar minnhom daŭc il kmuħ, iz-zjut, il faħam li chienu mimlijin bihom il fosos, il vaschi u l'imħazen?

Collox nakas jeŭ spiċċa!

Spiċċat il cotnina ta Malta li chienu jixtruha għal klugħ tal bastimenti ta cull nazzjon. Spiċċat iċ-ċangatura ta Malta li il bastimenti chienu jgħabbuha bħala saborra. U xi ngħidu għall iscultura tal ħagra ta Malta li conna nibagħtuha sa ġo Parigi u Londra? U 'l cpiepel tat-triżża, u 's-sigarri, u 'l bgħula u 'l mogħoz ta Malta li chienu jfittxuhom cullimchien. Minn da'l gid collu x'bakgħilna? Ftit li xejn.

Il larinġ ta Malta, msemmi mad-dinja collha, illum mimli bih is-suk ta Londra; izda mibgħut hemm, m'hux minn Malta, imma minn Florida fl'America.

Bakgħilna il patata li nizirgħuha b'zerrigħa inglisa u nibagħtuha il Germania. Meta tasal hemm f'ŭakt-ha, iggib il flus; izda meta 'ddum ma tasal, ma tħalli ebda kliegħ. F'bosta bliet tal Germania Malta magħrufa biss bħal pajjiz li minnu tmur il patata.

Mfittex għall benna tiegħu, il chemmun ta Malta. Jridu ŭcoll il basal aħmar u 'l fakkus-il-ħmir. Il basal tal għansal, sa xi zmien ilu, chienu jibagħtuh barra: illum inkered għal collox.

Il bittieħ ta Malta, chiecu chien magħruf actar milli hu, conna nistgħu nsiefruh. Li Skallin jizirgħuh biz-zerrigħa ta Malta. Aħna ngħidulu bittieħ ta Spanja.

Izda fost il ħŭejjeġ ta Malta, m'hux tal ichel, li għâdhom jibagħtuhom barra, l'actar imsemmija u mfittxa hija il bizzilla ta Malta, li tgħajjex mijiet, biex ma ngħidx eluf ta nies.

Minn xi zmien 'l haŭn kiegħda tagħmlilha deni ŭisk il bizzilla li tinbiegħ f'bosta pajjizi bħala bizzilla ta Malta, għad li hi maħduma bil mâcna fil Germania. Rajt f'ħanut, Londra, bizzilla, jgħidulha ta Malta, li tinbiegħ xelin u nofs: haŭn Malta ma tixtrihiex b'ankas minn ħames xelini. Jecc ma nifthux għajnejna bla telf ta żmien u naraŭ x'nagħmlu biex nekerdu di 'l ħsara cbira, ix-xogħol tal bizzilla ma ndumux ma nitilfuh għal collox. Jmissna niftiehmu, u di 'l ħaġa jmissha tieħodha f'idejha is-«*Società di Arti Manifatture e Commercio*», li bizzilli tal mâcna bl'isem ta Malta, haŭn ma jinbiegħux; u għal pajjizi ta barra, sabiex il bizzilla ta Malta tintgħaraf mill oħra, jaħtieġ jsir boll jeŭ sigill taċ-ċomb li bih jinbullaŭ il bizzilla it-tajba u hecc ŭieħed jcun jagħraf seŭŭa x'kiegħed jixtri.

Cullħadd jaf chemm hi mfaħħra cullimchien il bizzilla ta Malta. Min jsiefer jsibha f'bosta Musei u fl'aħjar ħŭienet.

Ma nistax infisser chemm fraħt ix-xahar li ħareġ meta f'Ginevra (fli Svizzra) mort inżur il Museŭ «Ariana» f'nofs ta ġnien cbir fuk għolja krib dic il belt. F'nofs il Museŭ hemm sala tonda mdaŭŭra b'colonni tar-rħam u mgħottija b'coppla għolja. Ma dŭar is-sala bejn il colonni hemm vitrini tal caŭba li fihom erbatax mill isbaħ bizzilli tad-dinja. Il vitrina tan-nofs fiha mdendla libsa sħiħa tal bizzilla ta Malta maħduma sittin sena ilu. Ma dŭar dic il vitrina rajt bosta sinjuri nisa jħârsu lejn il libsa u jfaħħru il ġmiel tagħha. Meta smajt dac it-tifħir collu, bil ferħ kabzitli demgħa u ŭarrabt minn hemm hieni li jiena Malti.

N. TAGLIAFERRO.

## Il Cungress ta Londra.

(6)

*L'Ittra tal Papa*

Lill Venerabbli Ħuna Vincenzu Vanutelli, Cardinal tal Cnisja Imkaddsa Rumana u Iskof tal Palestina.

PIU X PAPA.

Venerabbli Ħuna, Saħħa u Barca Apostolica.

Fost il Cungressi Cattolici u impurtanti, illi isiru cull sena bħalma inti taf, dana li sejjer isir geŭŭa Londra f'Settembru li gejj jidher li sejjer icun denn ta min isemmieħ, imħabba fin-numru u fid-dinjità ta daŭc il persuni li sejjrin imorru fiħ, u imħabba f'li splendur u fis-sullennità taċ-cerimonji tiegħu. U tasseŭ Aħna nafu illi l'actar imħabba fl'impenji tal Venerabbli Ħuna Frangiscu Arci-Iskof ta Westminster, illi bl'acbar ħrara ħaseb ghall ħŭejjeġ l'actar meħtieġa, u ta Tumasu Iskof ta Namur, President tal Cumitat Permanenti biex isiru il Cungressi Eŭcaristici, imħabba fl'impenji taħhom illi tant erŭieħ devoti kieghdin jippreparaŭ ruħhom ghall Cungress ta Londra, illi tant nies imsemmijin ghall gherf ghandhom jinġabru minn cull parti tad-dinja, u illi festi religjusi ghandhom isiru pubblicament fl'aħjar belt tal Inghilterra.

Illi dana hua ta cbir pjacir Ghalina jistghu jifhmuħ malajr daŭc collha illi jafu chemm hua necessarju illi l'Eŭcaristija imkaddsa ghandha tcun maħbuba, adurata dejjem, actar u actar fost l'insara. Verament mis-Sagrament tal Eŭcaristija, illi kieghed jixtered mal gisem collu tal Cnisja, gejj dac li spiritu tal ħajja soprannaturali bħala xmara mil ghajn taħħa. Haŭn-hecc Aħna ghandna ghakda illi biha il membri ta li stess gisem huma collha ħaġa ŭaħda flimchien mghakkda. F'dana is-Sagrament imkaddes is-Salvatur ħelu taghna hua tas-seŭ presenti, u tas-seŭ ħajj, ghalchemm moħbi mil ghajnejn taghna taħt misteru, u jibka maghna u ighix fostna sal aħħar taż-żmenijet. Haŭ-hecc b'môd specjali tinsab il fjamma tal imħabba t'Alla mixghula fîna, haŭn-hecc tinsab il kaghda tat-tâma taghna. U fil ŭakt li Aħna inħarsu lejn dana is-Sagrament bħala iċ-centru tal fidi taghna, ŭieħed u li stess ghal cullħadd, hecc ucoll l'Ordni tal Consagrazzjoni ta dana is-Sagrament, ŭieħed u li stess fis-Sacerdozju collu cattolicu, ghalchemm differenti fir-riti, juri l'unità u'l ghakda taghna fid-disciplina u fil gvern tal Cnisja.

Iżjed, Aħna nivveneraŭ l'Eŭcaristija mhux biss bħala l'icbar fost is-Sagramenti, imma ucoll bħala dac l'att ta adorazzjoni u essenzjali ghar-religjon, jigifieri bħala sacrificcju. Il ghaliex l'Eŭcaristija hija tas-seŭ is-sacrificcju tal Ġdid Testment, li jappartieni lill Cnisja ta Cristu, illi chien iffigurat fis-sacrificci tal Patriarchi tal Ligi l'Antica,

l'ictar fis-sacrificcju tas-Sommu Sacerdot Melchisedec, u imħabbar bi cliem tant ċar fil profezija ta Malachija. Fl'Eŭcaristija aħna insibu imgedded dac li stess sacrificcju illi ġurnata giè offert ghalina fuk issalib, biss minghajr l'ebda tixrid ta demm u minghajr xejn ma jakta mad-dinja collha. Fi qŭalunque lôc illi l'Insara segŭaci ta Cristu jokoghdu kuddiem l'artal u ŭara l'esempi ta misserijethom joffru ll'Alla li jista collox dic l'adorazzjoni li tistħokklu u hemmhecc isir dana is-sacrificcju, icunu kieghdin jatuħ sinjal ta ringrazzjament u ta foħrija, ta *consumazjoni*, u ta *propizjazjoni*. Aħna ma nistghux naħsbu aħjar minn dina, li tixghel l'erŭieħ devoti b'xeŭkat tant cbar li katt jistghu icunu ictar onorati mil Cnisja imkaddsa.

Chien ŭisk f'lôcu illi isir dana il Cungress fil Belt Capitali ta dac l'Imperu, bir-raġun collu imfaħħar għall libertà li jati lin-nies tieghu, u li ghall'aŭtorità u ghall ligijet tieghu miljuni ta cattolici ibaxxu rashom ghall'ubbidienza Aħna, bħalma soltu naghmlu f'occażżjonijet bħal daŭna, mhux biss li natu l'approvazzjoni taghna ghal dac il Cungress, imma anchi bil kalb collha nieħdu sehem fiħ. Ghaldakshecc, sabiex inti tcun tista tirrappresenta Lilna fil Cungress Eŭcaristicu ta Westminster, per mezz ta dina l'ittra Aħna naghżluc bħala Legat taghna. L'Aŭtur Divin tal Cnisja imkaddsa, illi biss ghandna infittxu il glorja tieghu, icun f'nofscom bil milja tal grazzi tieghu. F'li stess ħin, bħala rahan tad-doni tieghu, bħala sinjal tar-rieda specjali taghna, Aħna, bil kalb collha, nixtħu fukec, Huna Venerabbli, u fuk cullħadd u fuk cull ŭieħed minn daŭc collha illi sejjrin icunu presenti fil Cungress, il Barca Apostolica taghna.

Mictuba (din l'ittra) f'Ruma, fil Cnisja ta San Pietru, fit-28 ta Aŭissu, fil festa ta Santu Ŭistin, Duttur tal Cnisja; fis-sena 1908, is-sitt sena tal Pontificat taghna.

N.B. Sabiex ictar tifhmu din l'ittra li il Papa baghat lill Cardinal Vanutelli biex jidher ghaliħ fil Cungress ta Londra, u li dan il Cardinal kara l'eŭŭel ħaġa fuk l'artal, kuddiem cullħadd, fil ftuħ tal Cungress, ngharraf lil daŭc li ma jafux illi meta jitchelmu il Cbarat, bħalma huma is-Slaten, l'Imperaturi (u ghalhecc ucoll il Papiet) minn f'lôc ma ighidu *jena* ighidu *aħna*. Ir-raġuni hi li meta jitchellmu is-Slaten jeŭ Cbarat oħra, ma jitchellmux bħala persuna privata, imma bħala persuna publica, meta jitchellmu huma kisu li kieghda titchellem in-Nazzjon collha, il Cnisja collha. Ghalhecc, jecc f'dina l'ittra intom issibu *Huna* ghandcom tifhmu *ħija*, il chelma *Aħna* minn f'lôc *Jena*, *natucom* minn f'lôc *naticom*, *taghna* minn f'lôc *tieghi* u hecc il *bkija*.

(*Jissocta*) DUN ANTON VELLA, D.D.
*Cappillan ta ħal Luka.*

## ID-DINJA CHIENET MINN DEJJEM JEŬ MAĦLUKA MN-ALLA FIŻ-ŻMIEN?

Għal din il-mistoksija l-ateisti jiŭieġbu illi d-dinja ma hix magħmula minn ħadd, iżda hi minnha n-fisha u minnha n-fisha chienet minn dejjem. Min kiegħed jakra dan jecc mux imdorri li jisma' ħmerija bħal din, sgur li jistgħaġeb, chif jistgħu jintgħatau nies li jaslu f-da' l-għilt hecc bir: imma issa nħallu fil-ġenb lis-stgħagib ta' dan, u nuru mill-aħjar li nistgħu chemm imorru smerċ f-dan it-tagħlim tagħhom l-ateisti.

L-euuel nett mil-imsiba (mil-invenzioni) ta' bosta ħuejjeġ sbiħ, ta' bosta snajja' meħtieġa, aħna ngħarfu illi d-dinja ma chienetx minn dejjem. Infatti: lis-storja tgħallimna illi l-Għarab chienu l-euuel li għarblu t-taħric tal-cuiecheb; l-euuel chienu l-Egizjani li xerdu t-tagħlim it-tobba; chienu l-euuel il-Grieghi li daħħlu sengħet il-baħrin; l-euuel chienu ucoll il-Cartaginisi li sabu s-sengħa tal-bejgħ. Naraŭ ucoll b-għaġeb cbir tagħna illi bosta u bosta ħuejjeġ sbiħ insabu illi f-xi żmien ma chienux, bħalma hi l-boxxla, l-iġfna, l-vapur ta' l-art, it-telegràff, it-tbiegħa (lis-stampa), t-telèfonu senza fili, l-carrozza tan-nar, il-blalen li bihom jitilgħu fl-ajru, l-calamita, l-luce elèttrica u bosta ħuejjeġ oħra. Issa jecc id-dinja chienet minn dejjem, għaliex, aħna nistaksu, għaddeu tant u tant seculi, seculi bla tmiem, u intànt daŭn il-ħuejjeġ sbiħ ma chienux għadhom misjubà? Priclu dan iż-żmien bla bidu ma chienx biż-żejjed għall bniedmin, li scond l-ateisti huma ucoll mid-duiem, biex ifittxuhom? Mela jecc ma chienx biż-żejjed dan iż-żmien collu, chif allura chien biż-żejjed iż-żmien ta' maduar sitt seculi, li fihom geu misjubà dauc il ħuejjeġ? Jeuilla d-dinja f-tant seculi li ma jistgħux jingħaddu chienet nieksa mil-għerf u mbagħad fi-ftit seculi chisbitu? X-niġbdu minn dan collu? Niġbdu illi id-dinja ma chienetx mit-tiduim, chif iżommu l-ateisti.

Sigur li daun il-mostri tan-natura (għax hecc ħakkhom min isejħilhom) biex ma jokogħdux għal dan it-tħakkik hecc ċar, hecc imorru għidulna: «Dauc is-snajja', dauc il-ħuejjeġ sbiħ dheru f-xi żmien fid-dinja u mbagħad uara li għamlu żmienhom spiċċau għal collox, tant li ħadd biss ma baka jafhom; u mbagħad mita raġa giè ż-żmien tagħhom ragħu dheru, chif għadhom jidhru sal-lum.» Min ma jindunax malajr illi dan it-taħdit ma hux imkiegħed fuk ragjuni seuua? għaliex jecc ŭieħed jistaksi: chif jista' jcun li daun is-snajja' dheru darb'oħra, jecc ta' din id-dehra l-ankas biss tifchira ċchejcna ma għandna tagħha? dlonc jintebaħ li dal cliem ta l-ateisti ma hux ħlief theudin ta' moħħom u għideb. Iżied: aħna nafu li mux biss il-bliet cbar u msemmijà, iżda ucoll l-irħula l-iżied ċchejcnin jiftaħru b-dac collu li għalihom hu ta gieħ u ifaccruħ b-xi tisuir jeu bit-tinkix jeu bil-chitba jeu bil-cliem li jcun gej mil-missier għall iben jeu b-ħaġa jeu b-oħra: imma lebda pajjis, lebda belt, lebda raħal katt ma faccar jeu b-ħaġa jeu b-oħra illi s-snajja illi l-lum jidhru diġà chienu dheru fiħ f-xi żmien.

(*Jissocta*) E. F.

# Naħal fûk il Ŭard.

*Tifchira.*—Il ħuggieġa ta San Ġŭan taħt il Gran Mastri ma chienitx ċajt; biex tara, il Gran Mastru in-nifsu, flimchien mgħal Iskof u'l cbarat ta magħ dŭaru, lejliet San Ġŭan, il Kaddis maħtur mil Ordni, hecc chif chien jakbad jidlam, chien jinżel fil misraħ jeŭ *piazza* ta kuddiem il *Palazz* u, kalb it-tfakkiħ tal murtali u'd-dakk ferriħi tal kniepel, chien jati in-nhar lil tmien btieti, li chienu ifissru il *Lingŭi*, chif chienu igħidulhom, li fihom chien mkassam l'Ordni. Dan chien icun is-sinjal miftiħem sabiex ikabbdu l'eluf ta ħgejjeġ magħ collha chemm hi il gżira.

*Storja tal Cnisja.*—Il *Cattolicismu*, igħidu x'għedeŭŭa tiegħu, ma għadx għandu saħħa jagħleb id-dinja. Għal imgħoddi chienet il Cnisja li iddaŭŭar il ġnus lejha; issa bil maklub huma daŭn li idaŭrulha dharhom, u minn mijjet ta snin il haŭn ebda poplu ma daħal actar fil ħdan tagħha.

Inŭieġbuhom. L'*apostasija* m'hix ħaġa ta daŭn l'aħħar żmienijit; fl'imgħoddi kalbu ucoll popli sħaħ. Fejn huma illum l'insara tal Affrica ta il haŭn minnha? Mela, jecc nokogħdu għal cliemhom, il *cattolicismu* naksitu is-saħħa li jirbaħ id-dinja sa minn ftit ŭara li miet Santu Ŭistin?

Mela il Cnisja fi żmienna ma chelliex ħlief telf? Jakaŭ fis-seclu li għadda fil Germanja il cattolicismu ma cotorx fil kaŭŭa? F'daŭn l'aħħar mitejn sena ma sarux nsara tista' tgħid in-nies collha tal Filippini, li illum hemm fihom mgħas-seba' miljun cattolcu? U kalb is-suŭed tal Uganda, fejn f'ħamsa jeŭ sitt snin l'għad tal *catecumni* tala' mgħal 200,000, ma raġgħux l'eŭlenin żmienijit tal Cnisja?

Mil eŭŭel seba' mitt sena, mindu chienu bdeŭ l'insara, bilchemm tista' issemmi għaxar snin oħra li fihom tgħammdu daks chemm fl'aħħar għaxar snin tas-seclu li għadda. Mela dic iċ-ċanfira tal għedeŭŭa turi ħaġa ŭaħda biss, li huma ma jafux l'istorja ta żmienn'na tal Cnisja. Le! Din is-siġra xiħa għadha dejjem tarmi friegħi ġodda u tas-saħħa xejn ankas milli siġra żagħżugħa, u's-saħħa li tirbaħ id-dinja il Cnisja cattolca la tilfitha u ankas la titlifha katt.

*Chemm għadda il kuddiem il Cattolicismu fl' Olanda.* Fl'Olanda għal bidu tas-seclu satax chien hemm 300,000 cattolcu, 673 parroċċa u 900 kassis bejn ŭieħed u ieħor; illum hemm 2,000,000 cattolci, 1015 il parroċċa, 2,300 kassis. Da'l għadd ħadnieħ minn *statistca* magħmula minn protestanti, u għalhecc ħadd ma jista igħid li cabbarnih. Ma tħosshiex tfarraġġlec kalbec din l'*istatistca*?

*L'icbar Cnejjes tad-dinja.* San Pietru jasa' 64,000 ruħ, il Cattidral ta Milan 57,000, San Paŭl ta Londra u Nôtre Dame ta Parigi 21,000, il Cattidral ta Firenze 20,000, ta Pisa 13,000, San Marc f'Venezja 7,000, il Cattidral ta Colonja 6,000.

*Storja tan-Natura.*—Min hu li ikisu seŭŭa ix-xogħol tal għageb li tagħmel il kalb fi bniedem li igħix sebgħejn sena? Jafu collħadd li il kalb fil gisem tagħmel ix-xogħol ta *pompa*. Tħabbat sebgħejn darba f'minuta, erba t'elef u mitejn darba f'siegħa, mitelf u tliet mitt darba colljum, tliet miljuni, tmien mija ħamsa u sebgħejn elf, erba' mija u sebgħejn darba f'sebgħejn sena. Magħ coll taħbita tŭaddab il barra, bejn ŭieħed u ieħor, mitt *gramm* demm li jibka sejjer jiġri mgħal gisem collu, sitt *litri* coll minuta, erba' mija u għoxrin *litru* coll siegħa, jigifieri għaxar *tunnellati* colljum. Mela iddemm collu tal gisem, li iŭassal mgħattmienja u għoxrin *litru*, jgħaddi coll zeŭġ jeŭ tliet minuti minn ġol kalb. Jiccalculaŭ li f'sebgħejn sena il kalb, li tgħaggeb chemm tiflaħ għax-xogħol, tferrak mgħal gisem, ħaġa li ma titŭemminx, mitejn u ħamsin elf *metru cubu* demm.

*Contra il misħuta moda*—Meta nara fil bliet tagħna nisa u xebbiet jagħmlu b'ŭiċċhom tost collu turija tas-sura tagħhom, minnufih ħsiebi imur fl'esempji ta mistħija nisranija li ŭasslet lilna l'istorja u li ma jintseŭ katt. Hsiebi imur f'Santa Perpetŭa li, mixħuta kalb l'annimali feroci, ħsiebha, actar milli fil feriti, chien fit-tiċrit li daŭc chienu kegħedin jagħmlulha fi ħŭejjiġha, u li iġġannat flimchien il bcejjeċ biex tinsatar. Tigina ucoll kuddiem moħħna dic ix-xbiha ta anġlu, Elisabetta ta Borbone, oħt ir-re Luigi XVI, li fuk il palc, fejn chienet tistenna biex jaktgħulha rasha, ħsiebha chien li tirranġa ħŭejjiġha fukha, li lankas biss ma jibkgħu micxufa riġlejjha. X'għarucasa għal daŭc in-nisa!

*Cliem ta Għaref*—Għaliex ixxennak lil ħaddieħor għal ħażen li minnu tħakkakha sħieħ li inti mbegħda? Taħseb li inti bla ħtija meta tixgħel biż-żina kalb ħaddieħor? Jecc ŭieħed, mħabba fl'ilbies tiegħec bla gieħ, jidneb hecc chif bih jitgħaxxak, int sfajt fil ŭakt is-sejf li niffdu; u jecc ma għandicx ħtija ta dnub li għamilt int, iżda tgħabbejt bi dnub li għamel ħaddieħor mħabba fic.—*Tertulljanu.*

*Tal aħħar*—Bejn il bidŭi u l'armel.

*Il bidûi*—Niżżuħajr ll'Alla għamlet xita! Collox issa jarġa' jirxoxta fl'art.

*L'armel*—Xejn ma nixtieku, għax, biex ingħidlec, għandi tliet nisa taħt l'art, ûaħda actar mkarkċa mil oħra.

DUN PAÛL.

## Ma dûar il Gżira.

L'eûûel-nett, nifirħu lir-Reverendu Patri Ûigi Grech, S.J., Direttur tal *Messaggier Malti tal Kalb ta Gesù*, għax din il gażetta sagra kieghda toħroġ tajjeb ûisk, seûûa għall kaûûa tal articuli li jidħru fiha u seûûa għal chif hi imżeûûka b'fejda cbira ta min jakraha; u għal hecc, bħalma hu dmir tagħna (dmir ħelu għalina), nirriccmandaûha lill karrejja tal *Habib* b'kalbna collha. Imm'issa, ûara dan, billi ġara li il gimgħa l'oħra deher f'li stess ġurnata, seûûa fil *Messaggier* u seûûa fil *Habib*, articlu tar-Reverendu Dun Giusepp Farrugia, il Cappillan ta *Ûiedincita*, fuk il GHID TAL IMÛIET, irridu infissru li aħna ma ħadniex dac l'articlu minn fuk il *Messaggier*, għax chien icun nukkas cbir tagħna li nieħduħ minn fuku mingħajr ma ngħidu xejn: imma ħriġnieħ fuk l'*original* li bgħatilna ir-Reverendu Farrugia ilu xi xahar, flimchien ma talba biex ingibuħ fil *Habib*; u jecc hu fettillu jibgħatu lill *Messaggier* ucoll, bla ma uriħ xejn li diġà chien taħ lîlna, il ħtija u la hi tal *Messaggier* u inkas tagħna.

—Irridu 'nfaħħru id-*Dilettanti* tal Cumpanija *La Concordia*, li, nhar il ħadd l'ieħor, fit-teatrin tal *Unjoni Cattolica*, għamlu tajjeb ħafna id-dramm taż-*Żeûġ Surgenti*. Ilna nafuħ biż-żejjed dac id-Dramm ta ksim il kalb: anzi, erbgħin sena ilu, conna nirrecitaû fiħ bit-Taljan u bil Malti: u mhux għalchemm jogħġbuna id-Dilettanti li jidħlu għaliħ: imma nistgħu ngħidu b'ûiċċna minn kuddiem li daûc tal *Concordia* huma mill'aħjar li jagħmluħ. Chellhom applaûsi cbar: u applaûsi li jagħmlulhom onur, għax fis-Sala chien hemm persuni għôljin mhux ftit.— Is-sibt li għadda, 'mbagħd, għamlu l'*Imsejcna Marianna*, dramm mill'isbaħ, li m'ilniex nafuħ inkas mill'ieħor: u fiħ ucoll marru tajjeb ħafna. Chiecu ma 'rridux insemmu ismijet, għax inchella, biex nagħmlu dmirna, icollna 'nsemmu id-Dilettanti collha, la collha kieghdin tas-seû f'lôchom u jaħdmu bil ħeġġa: imma naħsbu li huma stess iriduna insemmu ûieħed fosthom—is-Sur Argento—li fiż-żeûġ partijet principali, jigifieri ta *Gulíermu fiż-Żeûġ Surgenti* u ta *Giuseppi* fl'*Imsejcna Marianna*, daħal f'kalb cull-ħadd bil ħabta li għandu għall *Palc*: dac ir-ragel tûieled *Artista* u aħna nifirħulu b'kalbna collha, chif ucoll nifirħu lill'*Unjoni Cattolica* li għarfet tħasslu għat-teatrini taħħa, fejn il ħsieb m'hux biss tal klieħ u taxxalar, bħalma hu fit-teatrini l'oħra, imma ûisk actar għôli, ûisk actar imkaddes—it-tagħlim tal mogħdija taż-żmien bla dnub u il għajnuna tal ħaddiema.—Nhar il ħadd li gejj, fit-8 ta fil-għaxija, li stess Cumpanija *La Concordia* sejjra tagħmel cummiedja—*Ir-Ritratt*, bi tliet atti—li fiha jieħdu sehem tista tgħid id-Dilettanti collha: u aħna nirriccmandaû il karrejja tagħna li ma jonksux, għax nistgħu nisguraûhom li jieħdu gost għall'aħħar. Icun hemm ucoll, mal cummiedja, dramm f'żeûġ parti, *Miġnuna*, tas-Sur Adam.

—Jiddispjacina li ma nistgħux ingibu l'articlu sabiħ li chitbulna fuk *San Ġacbu*, għax tûil ûisk għall gażetta tagħna. Aħna ma nisssograûx inkassruħ, għax ma nafux x'nibdeû naktgħu minnu: imma jecc dac li chitibulna jogħġbu ikassru hu jeû jaksmu fi tnejn, cull ûieħed għaliħ, nittamaû li incunu nistgħu nakduħ.

—Mitlubin mir-Reverendu Patri Stiefnu Cutajar, Pirjol tal Agustinjani tal Belt, ingibu bil kalb, fl'aħħar faċċata ta dan il *Habib*, it-*Tûissijet* fuk il *Pija Unjoni ta Santa Rita*, imûakkfa, b'Degriet tal Arci-Iskof ta Malta, li ħareġ fis-17 t'aûissu li għadda, fil Cnisja tal imsemmija Agustinjani: u nirriccmandaûhom lill karrejja tagħna. Anzi, biex inħajjruhom actar, darb'oħra ingibu ucoll l'*Indulgenzi u il Privileggi* ta din l'*Unjoni* ġdida, għad li aħna imdorrijin inħallu daûn il ħûejjeġ għall gażetti sagri. Din, narġgħu ngħidu, *Unjoni ġdida*: u jaħtieġ icun jaf biha cull-ħadd.

—Is-Sur Dûardu L. Galea, Procuratur tal bêni tal Cumpanija tal *Erûieħ tal Purgatorju*, jilka OFFERTI għall chiri ta żeûġ mezzanini li jinsabu haûn il Belt, il ûieħed strada *Ospedale*, numru 46, u l'ieħor strada *Ponente*, numru 56; u iżomm il jedd li ma jokgħod għal ebda OFFERTA. Daûn l'OFFERTI għandhom icunu magħlukin u issigillati—u għandhom jibagħtu il Belt, strada *Cristoforo*, numru 174, sa 'l ħdax ta dan ixxahar—nhar it-tnejn li gejjin.

—Ûara li ctibna sa haûn, irġajna gejna nafu li ir-Reverendu Cappillan tal Manicomju Dun Giusepp Farrugia, bagħat ucoll l'articlu tiegħu fuk il *Għid tal Imûiet* lid-Direttur tal *Habbâr ta Sant'Antnin*, li giebu bħalna minn fuk *original* ieħor. Għalina, ħaġa ġdida li jinbagħtu tliet *originali*—jeû ma nafux chif insejjħulhom—ta li stess articlu lil tliet gażetti, biex joħorġu biħ flimchien mingħajr ma icunu jafu b'xulxin. L'eûûel ta novembru bogħod ħafna mill'eûûel t'april! Jeû, forsi, dac l'articlu ried igħaddi b'*Circulari* jeû b'*Avviż!*

—Kalulna li, nhar il ħadd l'ieħor, il Processjoni li saret ir-Rabat b'tħejjija għall *Cungress Eûcaristicu* ħarget tas-seû devota u ta esempju cbir lill Campanja, għax il Poplu gieb-ruħu b'kima u ġabra tal għageb. Ir-Rabtin, li minn dejjem jagħmlu festa cbira għas-*Santu Corp*, qûasi magħruf b'*Titular* tal Parroċċa taħħom, chellhom id-dmir li jatu xhieda ħajja u kaûûija tal gieħ taħħom għas-Sagrament tal Eûcaristija: u taûha lill Malta collha ta 'nsara eûlenin li huma. Ta dan icunu 'mħallsin dic il għodûa li jitilgħu il *Cungressisti Internazzjonali* għall Pellegrinaġġ tal Grotta!

—U xi ngħidu għal nhar il ħadd li għadda? Min ma rax il Cnisja tal *Giżûiti* mimlija b'daûc il ħlejjak ta nies u ma samax il Monsinjur Canonicu Vella—*Dun Anton ta ħal Lija*—ifisser il *Cungress Eûcaristicu*, lef ûaħda mill'aħjar siegħat li sata igħaddi f'ħajjtu! Xejn ma ngħidu actar!

—Nistgħu nisguraû lid-Direzzjoni tad-*Devot ta Marja* u lill ħutna collha ta Għaûdex li il *Cumitat Esecuttiv tal Cungress Eûcaristicu* diġà ħaseb biex fil *Gûidi* li sejjrin joħorġu bi tliet ilsna (taljan, ingliż u franciż) il Cungressisti icunu 'mħajjrin jagħmlu *Pellegrinaġġ għall Għaûdex*; u jecc dan, chif nittamaû, iseħħ, icun bla xejn dubju għall *Cnisja ta Pinu*, li hi magħrufa biż-żejjed mal Cattolici barranin għall grazzi bla tarf li ħarġu minnha u ûisk actar ma ħutna tat-Tunisija u tal Argelija, li, chif jingħad, gejjin għall Cungress bil mijet u bl'eluf. Anzi, nistgħu nissoctaû ngħidu actar li daûc li kiegħdin iħejju il *Gûidi* huma ucoll tal fehma li, dic il għodûa tal Pellegrinaġġ, jixrak isir *Pontifical* Għaûdex minn ûieħed mil Cardinali li jiġu għall Cungress: imma dan, m'hemmx bżonn ngħidu, jecc jogħġob u chif jogħġob lill Monsinjur Iskof Camilleri, li jaf actar minn cullħadd x'għandu jagħmel u chif għandu jiftieħem mal Arci-Iskof tagħna.

—Ilbieraħ tl'ura, fil 10 u nofs ta fil għodu, chif ħabbarna, Monsinjur Canonicu Attard, Vigarju tal Iskof, għamel il *Cunferenza* tax-xahar fil Cażin tal *Unjoni Cattolica*; u għad li bi ħsiebna nitchellmu fukha darb'oħra, għax illum ma fadlilniex ûisa, nistgħu ngħidu mn'issa li marret tajjeb ferm u chellu ûisk applaûsi.

## Chitbulna:—

«Sur Direttur,

«Krajt fil gażetti taljani u ingliżi tagħna li sejjer jitûakkaf Cumitat biex jingabru il flus—u nifhem jen bil mijet il cbar—għall fokra tal gûerra li kiegħda issir bejn it-Toroc u l'erba' Nazzjonijet żgħar magħkudin contra taħħom. Naf li ħaġa sabiħa il carità. Naf li il carità għandna nagħmluha ma cull-ħadd, insara u m'humiex, għax cull-ħadd proxxmu. Naf li Malta takbeż dejjem fejn jinħass il bżonn. Imma, ngħid jen, min għandu il għacs u il ġuħ id-dar chif jista imur igħin bil ftit li jicseb lil ħadd-ieħor? Li haûn il għacs u haûn min hu kiegħed ibati il ġuħ, igħidu cull-ħadd: anzi, ma tismax ħlief min igħergħer fuk hecc. U, mil bkija, dan naraûħ b'għajnejna, għax cull fejn iddur ma tħabbatx ûiċċec ħlief ma nies kiegħda, ma nies jittallbu ix-xogħol u ma tallaba gejjin ûarajc! Mela, f'lôc li nibagħtu flusna barra, għax ma 'ndurux kabel xejn ma ħutna il Maltin? Dan il Cumitat għax ma tûakkafx ilu ħafna, biex il *Cuncerti*, u il *Fieri*, u il *Partiti tal football* u x'naf jen isiru għall fokra u il batuti tagħna stess?.... Dan chif stenbaħna malajr, mal eûûel gimgħa li geû fil bżonn il barranin: u għalina îlna riekdin is-snin? ...

«Sabiħa il Carità! Imma l'eûûel għandha tcun ma ħutna, ma krabatna, ma niesna; u, imbagħd, mal proxxmu tagħna collu!

«Timleûx għajnejncom biċ-ċraret, bil cappellini u bix-xejxi tal lussu li taraû fit-teatri, fiċ-cinematografi u fil festi tal cnejjes! Daûc sforzi tal ferghin! Dac tkanziħ tal boloħ! Il cotra il cbira tal Poplu tinsab fil għacs u batuta! Min kiegħed igħidu, jista jaħilfu! Induru, mela, ma dûarna, kabel ma 'nduru b'ħadd-ieħor: u il Cumitati inûakkfuhom għall bżonnijet tagħna!»

R. F.

## Miraclu ieħor tal Papa.

Pietru Beaumont, minn Villeneuve d'Ornon (Franza), għandu 24 sena u chien ilu trux mindu chellu senteja, b'tumur chiefer li chien ħerrielu it-tnabar ta ûidnejħ it-tnejn. Dâm żmien cbir jiccuraûħ tliet Tobba-Specjalisti mill'akûa u chienu kalu collha li m'hemmx fejkien għaliħ. Ma chien jisma xejn: trux għal-collox.

Issa, f'settembru li għadda, fettillu imur Ruma, mal Pellegrinaġġ franciż li ħâdu maħħom is-Sacerdot Garnier u is-Sur Harmel: u kâl mill'eûûel li chien sejjer Ruma għal ħaġa ûaħda biss, biex jitlob il Papa ifejjku.

Fil 10 ta settembru, fil 11 u nofs, chellu ix-xorti jidħol, flimchien ma ommu, għand il Papa; u malli raħ riesak fuku, kallu minnufiħ: Santità, gejt biex tfejjakni.

—*Temmen?*—staksieħ il Papa.

Imma hu, għad li il Piju Għaxra għandu vuci kaûûija ħafna, ma semgħux; u, f'lôcu, ûieġbet ommu: *Jemmen, jemmen, Missier Imkaddes....*

Allura il Papa taħ tliet dakkiet żgħar b'idu fuk rasu; u ħabta u sabta, Pietru Beaumont infexx jibchi, għax sab-ruħu jisma f'dakka.

Il Papa, b'dic l'umiltà cbira tiegħu, jixtiek li daûn il ħûejjeġ ma jinstemgħux; u, mita ma jistax jagħmel ieħor, għax l'imfejjkin, bħalma chien jiġri fi żmien Cristu, mhux għal-chemm iżżommhom li ma jitchellmux, igħid li dan isir bis-saħħa tal *Imfietaħ ta San Pietru*, mhux għall merti tiegħu. Imma id-dinja tûieġeb li daûc huma miracli: u il

fatt ta Pietru Beaumont giebu saħansitra il *Corriere della sera*, li hu l'aħjar gażetta tal Italja, iżda xejn ma hu tal partit tal Cleru.
Frattant, is-Sacerdot Garnier jisgura li Pietru Beaumont, minn trux ghal-collox, giè jisma tajjeb, ghalavolja lil min ichellmu ghal tal apposta bil kajla ferm.

## GEŪŪA ĦANUT TAX-XORB.

*—(bejn żeūġ persuni puliti: ragel maghmul u żinżill minn ta daż-żmien: minn fuk mejda ghal oħra, b'leħen ghôli — nhar il ħamis li ghadda, fid-9 ta fil-ghodu—haūn il Belt, fi strada Reali)*—

—Issa, m'illum il kuddiem, mita tigi festa icċmandata nhar ta gimgha, jisūa dejjem il laħam....
—Diġà ħarget, jecc joghġboc ?....
—Ilha li ħarget mis-sena l'oħra: u ilbieraħ, billi ghada festa icċmandata, il Vigarju tal Iskof ordna lill Cappillani ta Malta collha li jarġghu ifaccruha lill Poplu.
—Bravu! Mela, ghada jigifieri nistghu nieclu il laħam, ghalavolja il gimgha....
—Hecc hu: dari, mita il Milied chien jigi nhar ta gimgha, billi f'dic il festa cbira dejjem jista jittiechel il laħam, il Maltin chienu ighidu: *Ghandna gimgha bla gimgha!* Imm'issa, cull mita tigi festa icċmandata nhar ta gimha, icollna dejjem gimha bla gimgha!
—Dan il Papa jaħseb fîna, ghax jaf li m'aħniex tal colp!
—U, tarġa, scond l'ordni tal Papa, jecc tigi festa icċmandata f'ġurnata tas-saūm, inkas ma ghandna insumu.
—Is-saūm ghall bebbux!
—Kieghed nara! Mela, jen jigifieri bebbuxu u inti le, ghax illum vgili u lilec kieghed narac bit-tazza tal ħalib u il ħobża midluca bil butir kuddiemec, mentri jen m'inhiex sejjer nieħu ħlief cafè isūed u biscuttell!
—Illum vgili?....
—Hecc jidhirli! Ghada m'hix il festa tal Kaddisin collha?....
—Cont insejt!
—Imma ghada ma tinsiex li inti tista tiecol il laħam imħabba din il festa! Xi tghid? M'hux hecc?...
—Dic ħaġ'oħra!
—U sgur! Inti ūieħed minn daūc li jisimghu mil Papa fejn jakblilhom!
—Jakaū trid ticsirni?...
—Xejn affattu! Anzi, jecc trid ticsirni int, neħħi dac il ħalib u dac il butir minn kuddiemec!
—Issa la gibthom icolli inħallashom: u buti ma iridx minn dan iċ-ċajt!
—Icolloc tħallashom môd u taghmel dnubmejjet ghal tliet soldi môd ieħor: ħallashom u tieħodhomx: hecc turi tas-seū li cont ordnajthom bi żball!
—Imma icolli narġa indaħħal idi fil bût, biex nieħu cafè isūed u ħobża bla butir...
—Uħ! Scużani jecc issa sejjer nicsrec tasseū! La inti tibdel ir-Religjon tieghec ma cafè u ħobża, aħjar ma titchellemx mar-rgiel sôdi......
—Allura?....
—Allura ippermettili inħallaslec cafè isūed u ħobża xotta... u naktghu id-discors!
—Kieghed toffendini!
—Le: kieghed niftaħlec ghajnejc, ibni: ghax, mita ticser il precett tal Cnisja geūūa ħanut bħal dan, barra mid-dnub fiħ in-nifsu, tati scandlu lil min hu inkas minnec fiddinja! Ara.... ippermettili nghidlec chelma f'ūidintec........
U marru kaghdu f'rocna, ras ma ras: dâmu jitchellmu ħafna bil-kajla u leħinhom ma 'nsamax actar: iżda, ūara ftit, il Camrier ircieva l'ordni li jieħu minn hemm dac il ħalib u il butir; u min kieghed jicteb raħ iressak kuddiem daūc it-tnejn min-nies żeūġ cafejjet suūed! Is-sabiħa, 'mbaghd, li fuk li mūejjed l'oħra, chemm dâmet sejjra dic it-taħdita u sa chemm bakghu fil ħanut daūc it-tnejn minnies, ma resketx tazza ħalib, ghad li chien hemm ma dūarhom minn daūc li dâri chienu jaħsbuha bħaż-żinżillu! S. G. F.

## Ma dûar id-dinja.

*Balcani*—L'erba Stati, il Grecja, il Bulgarja, is-Serbja u il Montenegru inghakdu flimchien taħt l'isem ta Confederazzjoni Illirica. Din il ghakda ghandha tcun tant religjusa chemm pulitica, b'cap taħħa ir-Re tal Grecja.
It-Toroc ūara ħafna ċarcir ta demm, telf cbir ta nies, canuni u munizzjonijet, chellhom jitilku il postijet li sejjrin insemmu: f'idejn il Bulgarj—Malo Tirnovo, Kirk-Kilisse u postijet impurtanti ta Adrjanopli; f'idejn is-Serbj—Blarevo, Sapovi, Novi-Bazaar, Kumanovo, u Uskub; Tarabosc u Plevja geū maħruka mil bombardament tal Montenegrini; Servja u Sarantaporos ūakghu f'idejn il Grieghi.
L'imnassa affari ta Candja spiċċat ucoll, ghax il Grecja baghtet diġà Gvernatur li chien milkuħ b'ferħ l'actar cbir.
Il Princep li ghat isir Re tal Montenegru ghal ftit ma bakax mejjet minn balla tat-Toroc li sparat ghaxar jardi boghod minnu.
Is-Serbi ferħu ūisk meta ħadu Uskub, ghax din chienet il belt antica fejn l'imperatur taħħom Durcian giè incurunat. Jintghat li l'eūūel lakgha tal Parlament taħħom tcun f'dil belt.
Il Montenegrini laħku is-Serbi u daūn issa inghakdu mal Grieghi.
Is-Serbi ucoll taū dakka ta id lill Bulgari f'Adrjanopli.
Turpidiniera griega, fil golf ta Salonicca, gharrket Crużer torca (*Fethuketend*) u ħarbet.
*Inghilterra*—F'Portsmouth sejrin jibdghu jaħdmu frejgata icbar minn daūc collha li saru s'issa. Fiha icun użat il Petrolju minn f'loc il faħam.
Jecc jirnexxu il provi tal *Princess Royal* u ta *King George V.* il frejgati *Warrior* u *Inflexible* icunu stazzjonati fil Mediterran ghall'aħħar ta dan ix-xahar.
Fid-9 tax-xhar, Londra, issir il processjoni tal *Lord Mayor*; ghaliha imorru eluf u eluf ta nies.
Il Musulmani tal India huma ūisk imxeūxin fuk it-telf tat-Turchija. Ghamlu diversi lakghat u ġabru ħmistax l'elf lira ghall feriti.
*Russja*—Il Granduchessa Sergju kieghda taħdem biex tibghat nies chemm tista biex ighinu il feriti fil Balcani; ġà inchitbu tnejn u ghoxrin elf ruħ, u cull gimgha actar minn mitejn ruħ joffru ruħom biex imorru: tmenin tabib russu ġà jinsabu mal feriti fil camp.
*Franza*—Bħal lum tmien ti jem, il Prim Ministru Poincaré u l'Ambaxxatur Tittoni iffirmaū il pattijet li ghamlu bejn iż-żeūġ pajjiżi fuk il Marocc u Tripli.
*Italja*—It-triplici Alleanza bejn l'Aūstrja, il Germanja u l'Italja sejra tiggedded, fejn lill'Italja ippromettetūlha li ħadd ma imissilha il colonji taħħa u li l'Aūstrja tirrispetta aħjar is-sudditi taljani li hemm f'pajjiżha.
Daūn il ġranet fi Tripli, tlit fizzjali Toroc u tmin capijet Gharab marru fil camp taljan biex jitħadtu chif ghandhom ighixu flimchien bil paci. It-Taljani ittrattaūhom ūisk tajjeb u żammeūhom jeclu maħħom. Fil ghaxija, il Maġġur Caldieri ūassalhom fil camp torc bi scorta ta carabinieri. L'affari imxiet tajjeb. W.

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA—31. Alla jieħu ħsieb tal ghasafar tal ajru u tal gilju tal ghalka, chemm immela jieħu ħsieb taghna, uliedu?...

## "Pia Unioni ta Santa Rita."

TUISSIET

*Meħudin mil l'Istatuti mghoddjin mil l'Iskof ta Malta fis-6 ta Lugliu 1912.*

I. Dina il Pia Unioni giet muakkfa sabiex tixghel dejjem izied fl'Insara id-devozioni u l'imħabba lein il misteri tal Passioni ta Sidna Gesù Cristu, fuk l'esempiu ta Santa Rita minn Cascia u Santa Chiara minn Montefalco Patruni taħħa, li ghall imħabba cbira li huma chellom lein Gesù Crucifiss sthokkilom jircievu u igibu fil gisem taħhom issinjali tal Passioni imkaddsa.
II mictubin generalment ghandom *a*) jgheixu ħaja tasseu nisrania u ghalech ifittciu il gid spirituali taħhom u ta ħattiħor (specialment tal familji taħhom), ibghedu id-dgħa, ibghedu u jiccuitau il glied, ibghedu cul hazen ihor; *b*) jghamlu chem jistghu sabiex min icun sejjer imut jircievi fil uakt is-Sagramenti tal Cnisia; *c*) jghamlu chem jistghu sabiex it-tfal (specialment taħhom) icunu mròbbja u imghalmin chif trid ir-Religion mkaddsa; *d*) jghamlu chem jistghu sabiex icunu mħarsa il Hdud u il festi, u jghamlu dac collu li hu ta gloria u kima l'Alla.
II. Cul min irid jinchiteb f'dina il Pia Unioni imur jiftiħem mal P. Direttur taħħa. Cul nisrani ragel jeu mara cbir jeu zghir jista jinchiteb.
III. Cul min jinchiteb ghandu iħallas ghal giubilazioni tighu ghaxar xelini darba, u malli imut isirulu ghal ruħu ħames kuddisiet baxxi.
IV. Il mejtin jistghu jinchitbu ucol, biss biex icollom sehem fis-suffragii.
V. Cul sena isir numru ta kuddies ghal bzonniet tal mictubin ħajjin, u numru iħor, jech jista icun f'Novembru, ghal mictubin mejtin. Dan il kuddies jizdied daks chem jizdied in-numru tal mictubin. Min ma iħallasx il giubilazioni ma ghandux dritt ghall ebda suffragii.
VI. Il mictubin huma mitlubin 1° li jigiu ghal kuddiesa riparatrici, li fl'euuel gimgha ta cul xghar, issir fil Cappella tal Pia Unioni, ad unur tal Kalb mkaddsa ta Gesù u hem jitkarbnu; 2° jigiu jisimghu il prietchi, li cul nhar ta Hadd isiru f'dina il Cnisja; 3° izommu ghandom il medaglia tal Pia Unioni; (*) 4° ikerru u jitkarbnu fil ġranet ta l'Indulgenza Plenaria; 5° jghidu spiss il Curunella tad-Demm tr Cristu ghal bzonniet taħhom, ta niesom u tal Cnisja mkaddsa, ghal kirda ta l'eresia u ghal paci bein is-Slaten insara.
*Tuissia*—Min ma jghamilx dan l'ghamil tajjeb li semmejna ma jidnebx, basta ma iħallieħx b'disprezz.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### GĦIDLI X'IN HU!

1. Id-dielja tafni tajjeb.
2. Minni ma jaħrab ħadd.
3. Bil-fors ghandna missierna.
4. Minghajri l'eūūel katt!
5. Nghodd seū ghamil il ħniena.
6. Bħat-tielet aħna ucoll.

Ghal-collox daūn il ġranet
Kalbu cull-ħadd iħoll. GINU.

L'aħħar XARADA chienet:
*Na-pu-ljun* = NAPULJUN.

Giebuha tajjeb: mil Belt, Dun G. G., is-Sinjura Caterina Borġ, is-Sinjurina T. Mizzi u is-Sinjuri G. M. Azzopardi u Piju-Marija Gaūci—mil Ħamrun, il Canonicu Dun Ferdinand Saliba —u minn Ghaūdex (ir-*Rabat*) C. A. u (*San Laūrenz*) is-Sur Dūardu Grima.

(*) Il medaglia ta dina il Pia Unioni, fil banda l'uahda fiha ix-xbja ta S. Rita u fil banda l'ohra ix-xbja ta Sta. Chiara. Tcun mdendla f'zagarella hamra u imbierca mil P. Direttur. Tigi mghotja lill cull mictub fil uakt li tinchiteb.